# Minuti tas-sebgħin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Is-70 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

## Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Norman Clews, is-Sur Nicholas Azzopardi u s-Sur Joseph Agius.

Inqrat ittra ta' skuża mibgħuta miċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kumitat. Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi, il-Kumitat qabel unanimament li s-Sur Bartolo jiġi skużat.

## Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tad-69 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Azzopardi li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

## Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti.

## Item 4 – Korrispondenza

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar korrispondenza li kienet intbgħatet lil Transport Malta u ppreżenta kopja tal-ittra dwar talbiet għal *sleeping policeman* fiż-żona ta' St Peter. Iċ-*Chairperson* talab li jintbgħat *reminder* għal din l-ittra.

Is-Sur Clews semma l-ħtieġa li ssir ir-*road hump* proposta quddiem il-*gate* għall-art ta' Smart City li hemm fi Triq San Leonardu.

Dwar ix-xogħol propost li jsir fiż-żona ta' Smart City, is-Sur Farrugia qal illi l-Kumitat Amministrattiv għandu joġġezzjoni li jsir xi xogħol mill-konfini ta' St Peter u li jkun ta' detriment għar-residenti.

Is-Sur Farrugia qal li kemm ir-residenti tax-Xgħajra kif ukoll dawk tal-Kalkara ngħataw kumpens għall-inkonvenjent li kellhom sakemm sar ix-xogħol fi Smart City iżda r-residenti ta' Ħaż-Żabbar ma ngħataw xejn minkejja li huma wkoll bgħatew l-inkonvenjenzi minħabba traffiku, storbju eċċ.

Is-Sur Azzopardi, filwaqt li appoġġa lis-Sur Farrugia, ippropona li l-Kumitat jikteb lid-Dipartiment konċernat biex iwassal l-ilmenti tar-residenti dwar inkonvenjent li qiegħed jiġi kkawżat lir-residenti minħabba rwejjaħ tad-drenaġġ li qegħdin joħorġu minn *bowsers* li jgħaddu minn Triq San Leonardu. Is-Sur Farrugia ssekonda lis-Sur Azzopardi u l-Kumitat qabel li jitressaq dan l-ilment.

Item 5 – Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Tlett Xhur (Jannar – Marzu 2015)

Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat approva unanimament ir-rapport finanzjarju għall-perjodu Jannar – Marzu 2015.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Agius talab li jitwaħħlu l-ismijiet ġodda tat-toroq li jindikaw Triq San Leonardu u Triq il-Marżebb.

Is-Sur Farrugia talab li tiġi rranġata l-bankina fi Triq Ħaż-Żabbar peress illi mkissra.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 13 t'Awwissu 2015.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-71 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 13 t' Awwissu 2015.

Luciano Farrugia
Viċi-*Chairperson*